TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 94/12-F

Maria Caruana
vs
Compunet Ltd.

Illum 12 ta' Marzu, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Marzu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mija, u disgħa w erbgħin ewro (€749), rappreżentanti prezz ta' *laptop* illi kellu l-problemi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *laptop* fit-8 ta' Novembru 2011, mingħand is-soċjeta' ntimata u mill-ewwel ġie bil-problemi. Wara xahrejn beda jitlaq l-i*screen*, pero' meta ħaditu għat-tiswija, ġiet infurmata li kellu *corrosion*.

L-intimat issottometta illi l-problema hija fil-fatt li sab xi *liquid spill* u li jdellek, u li għalhekk il-garanzija ma tgħoddx u bħala fatt ukoll issottometta ritratti li juru dan il-*corrosion*.

Daparti tagħha, r-rikorrenti nsistiet illi hija qatt m'għamlet xi *liquid spill*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal iffaċċjat b'dawn iż-żewġ verżjonijiet, iħoss illi s-soċjeta' ntimata ppruvat il-każ tagħha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888